Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 22 ta' Frar 2024**

**Kumpilazzjoni Numru 143/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Versus**

**Viktor Vujovic**
**(Passaport Serbjan 015356418)**
**u**
**Angel Svakjaroski**
**(Passaport Macedonjan M0476860)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Viktor Vujovic**, detentur tal-Passaport Serbjan bin-numru 015356418.

u kontra **Angel Svakjaroski**, detentur tal-Passaport Macedonjan bin-numru M0476860.

Akkuzati talli f'xi ħin bejn it-tlieta (15:00pm) ta' wara nofs in-nhar u s-sitta (18:00pm) ta' filgħaxija tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) ġewwa l-ħanut bl-isem ta' Welbee's Supermarket, li jinsab fi Triq Il-Kbira, Il-Mellieħa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

**1.** Ikkommettew serqa ta' flus u/jew oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza, liema vjolenza kkawżat offiża ħafifa u dan sar ghad-detriment ta' Welbee's Supermarket u/jew Glenn Mintoff u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikoli 261(a), 262(1)(a)(b), 262(2) u 274(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe' grieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Glenn Mintoff u/jew ta' xi persuna/i oħra, liema offiża saret meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed u dan bi ksur tal-artikoli 221(1), 222A(7) u 202(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkawżaw lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), liema delitt twettaq minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-artikoli 251(3), 251H(e) u 251H(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**4.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbew kontra persuna sabiex jinġurjawha, idejjquha jew jagħmlu ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**5.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlu lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kienu ipprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U lil Viktor Vujovic waħdu f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat ukoll talli, f'xi ħin matul il-jum tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) ġewwa l-ħanut bl-isem ta' Welbee's Supermarket, li jinsab fi Triq Il-Kbira, Il-Mellieħa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

**6.** Ikkommetta serqa ta' flus u/jew oġġetti, liema serq jitqies bħala serq sempliċi u dan sar ghad-detriment ta' Welbee's Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Glenn Mintoff billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-artikoli 382, 382A, 383, 384, u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-partijiet lezi.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontrihom.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulent legali taghhom tennew li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u naghtaw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 202(d), 221(1), 222A(7), 251(3), 251H(e)(f), 261(a), 262(1)(a)(b)(2), 274(c) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati **Viktor Vujovic u**

**Angel Svakjaroski hatja ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, u fil-konfront ta' Viktor Vujovic wahdu** wara li rat Artikolu 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **issibu hati wkoll tas-sitt (6) imputazzjoni, u qed tikkundannhom ghal erbatax-il xahar (14), prigunerija kull wiehed, li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha (4) snin millum.**

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja **Viktor Vujovic u Angel Svakjaroski sabiex jirrestitwixxu** lil **Wellbee's Supermarket u/jew Glenn Mintoff,** l-ammont **ta' mija u tlieta u sittin Euro u disa' u erbghin centezmu (€163.49) bejniethom u Victor Vujovic wahdu l-ammont ta' mija tnejn u erbghin Euro u hamsin centezmu (€142.50), u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati qed jinghataw **erbgha u ghoxrin (24) siegha millum sabiex ihallsu lill-parti leza.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hatja **Viktor Vujovic u Angel Svakjaroski** ghal zmien **sentejn (2)** millum ghall-**protezzjoni ta' Glenn Mintoff**. Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**